# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 15**

**Rikors numru 588/2013/1 MH**

**International Meats Limited**

**v.**

**Caxton Printshop Limited**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fis-17 ta' Gunju, 2013 u li jaqra hekk:

> "1. Illi s-socjeta` attrici tezercita l-kummerc billi timporta, tesporta,t biegh u tixtri prodotti tal-laham, kemm fis-suq lokali u kemm fis-suq internazzjonali.
>
> "2. Illi s-socjeta` attrici kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta sabiex tipprovdi u tforni l-materjal konsistenti f'kartoncin u stampat dwar

il-prodotti tas-socjeta` attrici li bih l-istess socjeta` attrici kienet tinqeda ghall-ippakkeggjar tal-prodotti li permezz taghhom l-istess socjeta` attrici tezercita l-kummerc taghha.

“3. Illi matul ir-relazzjoni kummercjali tal-kontendenti, is-socjeta` attrici irceviet ordni konsiderevoli sabiex tipprovdi l-prodotti taghha fis-suq tal-Libja, liema ordni l-istess socjeta` attrici accettat bil-konsegwenza li bdiet thejji ruhha sabiex tkun f’qaghda li tonora tali ordni.

“4. Illi fil-fatt, is-socjeta` attrici inkarigat lis-socjeta` konvenuta sabiex taghmel tipprovdi l-materjal ghall-ippakkeggja tal-prodotti tal-laham li kellhom jigu esportati lejn il-Libja, bl-inkarigu addizzjonali li l-istampat dwar il-prodotti relattivi kellhom ikunu konsistenti fi kliem li jkun fl-ilsien gharbi.

“5. Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta accettat dan l-inkarigu, hija naqset milli twettaq l-obbligi assunti minnha puntwalment u tempestivament, kif se jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

“6. Illi b’konsegwenza ta’ l-inadempiment tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici soffriet danni konsistenti f’telf ta’ negozju, bejgh u qliegh.

“7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“8. Illi Christopher Micallef, debitament awtorizzat jirrapprezenta lis-socjeta` attrici fi proceduri gudizzjarji, jikkonferma li jaf bil-fatti suesposti personalment.

“Ghaldaqstant is-socjeta` attrici umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi:

“(1) tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligazzjonijiet assunti minnha versu s-socjeta` attrici, bil-konsegwenza li kkagunat danni lis-socjeta` attrici;

“(2) tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici b’konsegwenza ta’ dan l-inadempiment da parti tas-socjeta` konvenuta, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

“(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici d-danni kif likwidati.

“u dan prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidhrilha xierqa u opportuni.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 647/2013, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji tas-socjeta` konvenuta."

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccipew:

"1. Illi din il-kawza giet intavolata b'vendikazzjoni u b'ritaljazzjoni granet biss wara li s-socjeta` esponenti wara xhur twal titkarrab biex tithallas ghal xoghlijiet li kienet ghamlet fuq ordni tas-socjeta` rikorrenti u li kienu a piena sodisfazzjoni taghha u wara li din dejjem tipprometti li thallasha ghalihom intavolat Mandat ta' Sekwestru biex tithallas il-bilanc lilha dovut u minghajr ebda kawza valida jew lecita kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"2. Illi l-kontendenti, tramite l-legali taghhom u fil-mori tal-iskadenza tat-terminu ta' 20 gurnata biex tigi intavolata l-kawza wara l-hrug ta' mandati ta' sekwestri fuq riferiti kienu accettaw li dan it-terminu jizdied ghal darba darbtejn sabiex fil-frattemp issir laqgha bonarja li fiha l-partijiet jitkellmu bl-intiza da parti tal-eccipjenti li taccetta flok hlas immedjat tas-somma lilha dovuta, hlas bin-nifrs minghajr imghaxx, hin bla waqt is-socjeta` attrici marret lura minn kellmtha u baqghat tinsisti illi qabel ma tersaq biex titkellem u forsi l-partijiet jaslu ghal ftehim dwar hlas, is-socjeta` esponenti kellha bilfors tirtira l-mandati li kienet intavolat – reminixxenti dan l-attegjament ta' dak il-perjodu fl-istorja politika ta' Malta fejn min bir-ragun kollu kellu l-ardir li jaghmel strike kontra l-Gvern kien jigi mkecci mill-impjieg tieghu u jerggha jiddahhal fl-istess impjiet wara li jaghmel apologija umiljanti bil-miktub li fiha jintrabat li qatt iktar ma jazzarda jobdi lil Union tieghu/taghha ghax jigrilu aghar! Kopja tal-Mandati msemmija u tar-rikors guramentat li ntavolat is-socjeta` eccipjenti biex tithallas il-bilanc dovut kif fuq qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dokument RS 1** a skans ta' repetizzjoni.

"3. Illi l-ammont mitlub, ghalkemm f'din il-kawza hemm talba biss ghal likwidazzjoni tal-istess huwa indikat fil-mandat ta' sekwestru li gie ntavolat mis-socjeta` rikorrenti bi tpattija ghal dak li harget hi kontriha huwa ghal ammont ta' €85,000, ammont ivvintat minn zniet is-socjeta` rikorrenti u bbazat fuq assolutament xejn hlief biex tipprova tkisser lis-socjeta` eccipjenti u tivvendika ruhha minnha **Dokument RS2** hawn anness.

"4. Illi r-ragunijiet kollha msemmija mis-socjeta` rikorrenti u li a bazi taghhom giet intavolata din il-kawza huma jew kompletament *res*

> *inter alios acta* ghas-socjeta` eccipjenti billi l-kuntratt li s-socjeta` rikorrenti ssemmi li ta lok ghal allegazzjoni taghha li ghamlet xi telf jew soffrit xi danni kien ftehim milhuq bejn is-socjeta` rikorrenti u terzi jew filwaqt kuntratt li qatt ma eziswta u qed tissemma' din l-alternattiva billi fil-korp tar-rikors guramentat ma gie l-ebda kuntratt imsemmi b'mod car u dana skond is-socjeta` eccipjenti apposta billi dak allegat huwa inezistenti."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar, 2016 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra taghha;

4. Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

> "joghgobha tilqa' dan l-umli appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet 'International Meats Limited vs. Caxton Printshop Limited' (Rkors Mahluf Numru 588/2013 MH), u minflok tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici, previa r-rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u dan bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-konvenuta."

5. Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

> "sabiex tichad l-appell intavolat mis-socjeta` appellanti u tikkonferma in toto s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar, 2016 (Rik. Gur. Nru. 588/2013 MH) li permezz taghha cahdet it-talbiet kollha attrici.
>
> "Bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra s-socjeta` appellanti."

6. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

7. Rat l-atti kollha tal-kawza;

8. Ikkunsidrat;

9. Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni, u biex jigu likwidati l-istess danni u s-socjeta` konvenuta kkundannata thallasha d-danni hekk likwidati, wara din tal-ahhar ma wettqitx appalt moghti lilha biex tipprovdi materjal ghall-ippakkeggjar tal-prodotti tal-laham li kellhom jigu esportati lejn il-Libja. Peress li dan ix-xoghol kien jehtieg disinn fuq il-pakketti, gie inkarigat certu Reno Psaila biex ihejji disinn adattat bil-kliem bl-Gharbi; kien hemm qbil wkoll li l-prodott jinghata l-isem ta' "Bonitos".

10. Saru d-disinji li gew accettati u saret l-ewwel konsenja lejn il-Libja. Sussegwentement, skont is-socjeta` attrici, saret "ordni kbira", izda din id-darba d-disinn fuq il-pakketti ma sarx. Jidher li nqala' dizgwid bejn il-partijiet dwar min kellu jhallas lis-Sur Psaila, li fil-frattemp kien hareg il-kont tieghu li z-zewg partijiet rawh gholi wisq. Peress li s-socjeta` konvenuta ma lestietx il-pakketti, is-socjeta` attrici tilfet l-ordni u qed tfittex ghad-danni.

11. Il-kwistjoni bejn il-partijiet daret fuq min kien responsabbli ghall-hlasijiet dovuti lil Reno Psaila. Is-socjeta` attrici tghid li lil dan qabbditu s-socjeta` konvenuta (speci ta' sub-appalt) u ntilfet l-ordni ghax din is-

socjeta` naqset li thallas dak li talab (somma li eventwalment kien rahhas). Is-socjeta` konvenuta, min-naha l-ohra, targumenta li hi kull ma ghamlet kien li introduciet lis-Sur Psaila lis-socjeta` attrici, u kienet din li inkarigatu jwettaq ix-xoghol ta' disinjar.

12. Qabel ma jigi trattat il-meritu, din il-Qorti trid tqis l-eccezzjoni ulterjuri li giet mqajma fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2021, quddiem din il-Qorti fis-sens li l-appellanti socjeta` attrici ma ghadx ghandha interess guridiku tissokta bl-appell peress illi hija giet "*struck off*" mir-registru tal-kumpaniji. Fil-fatt, gie esebit certifikat mahrug mill-Malta Business Registry li juri li b'effett mill-24 ta' April, 2020, is-socjeta` attrici giet "*struck off as defunct*".

13. Fid-dawl ta' dan, hu car li l-appell ma jistax ikompli jinstema'. Is-socjeta` attrici ma ghadhiex tezisti u ebda direttur jew azzjonist ma informa lill-Qorti li saru jew li qed isiru tentattivi biex is-socjeta`, jekk hu possibbli, tigi rizuxxitata. Lanqas ma ntwera li xi hadd personalment issuceda fid-drittijiet tas-socjeta` attrici. Ghalhekk, hu car li jonqos l-interess guridiku ghall-prosegwiment ta' dan l-appell.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ta' dan l-appell.

Spejjez a karigu tas-socjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr